KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 04

**It-Tnejn 16 ta' Settembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 04.1 Qari tal-Apoloġiji

04.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

04.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

04.2.2 Fuq talba tas-Sindku, kien hemm qbil unanimu li tiżdied sentenza fl-aħħar nett ta' paragrafu 3.7.1 fejn jingħad li ''Is-Sindku talab għal rilokazzjoni ta' point fl-eks *married quarters* u din ma ġietx aċċettata''.

04.2.3 Il-minuti tas-seduta numru 03 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 04.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

04.3.1 Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-Ministru tal-Awtorità tad-Djar fejn kienet reġgħet saret talba għal devoluzzjoni/użu tal-binja ta' viċin it-Torri tal-Arloġġ; għall-estensjoni tal-bosk; u għall-passaġġ li jagħti minn Pjazza San Oswald għal Triq is-27 ta' April.

04.3.2 Is-Sindku informa li ta' Project Green (PG) kienu waqqfu milli jkomplu bil-pjanijiet fuq il-proġett tad-Depiro minħabba li ma kellhomx biex jagħmlu l-passaġġ u għaldaqstant, wara konsultazzjoni mat-tnejn, kien hemm qbil li IM se tieħu ħsieb il-passaġġ u PG se tieħu ħsieb il-parti tal-ġnien. Sadanittant is-SE infurmat li skont disinn li ntbagħtilha mid-Depiro, kien hemm xi tibdil mid-disinn li oriġinarjament ġie approvat mill-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb liż-żewġ entitajiet sabiex tagħmel it-talba bil-miktub iżda m'għandhiex tinkludi ebda disinn u minflok titlob li l-Kunsill jiġi aġġornat b'kull żvilupp.

## 04.4 Akkumulu ta' *Vacation Leave*

04.4.1 Is-SE infurmat li kellha talba għal akkumulu ta' *vacation leave* mingħand tnejn mill-impjegati – Anna Muscat tixtieq tmexxi 32 siegħa u Daniela Sciberras tixtieq tmexxi 16-il siegħa għas-sena d-dieħla.

04.4.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

04.4.3 Is-SE infurmat ukoll li min-naħa tagħha kienet għaddiet talba lid-Direttur Ġenerali biex japprovalha l-akkumulu ta' 100 siegħa minħabba li kien fadlilha 'l fuq minn mitejn siegħa VL sal-aħħar tas-sena.

## 04.5 Żjara mill-Onor. Omar Farrugia fil-pjazza

04.5.1 Is-SE infurmat li l-Onor. Farrugia kien wera x-xewqa li jżur il-proġett tal-pjazza l-għada tal-laqgħa. Għaldaqstant ħeġġet lill-Kunsilliera sabiex jattendu. Is-Sindku u l-Viċi Sindku kkonfermaw li jistgħu jattendu.

## 04.6 SPI/SCI/7/2024 – Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet Pubbliċi

04.6.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni dwar din l-espressjoni ta' interess li ntbagħtet mid-Direttorat għall-Gvern Lokali. Min-naħa tagħha rrakkomandat lill-Kunsill sabiex iddaħħal talba għal xogħol ta' gympsum fil-*board room* sabiex isir *store* fil-parti biswit tat-*toilets* biex jintuża għall-arkivjar tal-*files* u karti. Hawnhekk is-SE spjegat fuq il-post kif kienet qed tipproponi li ssir din l-*enclosure*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 04.7 *Framework Agreement* – Xogħlijiet Pubbliċi

04.7.1 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu attendew għal laqgħa organizzata mill-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar xogħlijiet li l-Kunsill jista' japplika għalihom permezz tal-*framework agreement*. Hija infurmat li l-Kunsill seta' jagħmel b'€75,000 xogħlijiet mill-fondi pubbliċi fuq bankini, ranep, ċnut, culverts, eċċ.

04.7.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandhom isiru applikazzjonijiet għal xogħlijiet diversi li jinkludu rranġar ta' ċnut u bankini.

04.7.3 Fir-rigward tal-ħajt tas-sejjiegħ tat-telgħa Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello, kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-OHSA u titlobhom rapport u wara dan jintbagħat lill-Awtorità tad-Djar (HA).

04.7.4 Hawnhekk il-Kunsillier Vella ġibed l-attenzjoni dwar ċint li huwa mżaqqaq isfel nett fi Triq l-Istazzjon. Is-SE infurmat li dwar dan kienu infurmati l-pulizija għaliex kien fil-privat.

## 04.8 Proġett tal-Erasmus

04.8.1 Is-Sindku informa li kien ġie avviċinat minn persuna sabiex issir applikazzjoni għal proġett tal-Erasmus.

04.8.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni fil-prinċipju li tiddaħħal applikazzjoni għal skambju ta' żgħażagħ, imma l-ewwel is-SE għandha tavviċina lis-Sur Arthur Perici li normalment jieħu ħsieb il-proġetti tal-UE f'isem il-Kunsill Lokali biex tara hux imħajjar li jagħmel applikazzjoni hu. Kemm-il darba huwa ma jurix interess, il-Kunsill kien se jmexxi mal-persuna li tkellmet mas-Sindku.

## 04.9 Immaniġġjar tat-Traffiku

04.9.1 Il-Kunsillier Vella ssuġġerixxa li l-Kunsill iqabbad konsulent sabiex isir studju dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fil-lokalità fuq mod ħolistiku u li jinkludi reviżjoni tat-traffiku preżenti, problemi ta' toroq, parkeġġ, passaġġi fejn wieħed jimxi, eċċ. Is-SE se ġġib xi kwotazzjonijiet għal dan it-tip ta' studju.

04.9.2 Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar l-i*sleeping policemen* fil-lokalità kif ukoll dwar it-tabelli ta' 30km/hr minħabba li kien qed jinħass li l-limitu tal-veloċità kellu jogħla. Hawnhekk kien hawn qbil li s-SE għandha tagħmel talba lil TM biex il-veloċità fit-toroq tal-Imtarfa togħla minn 30km/hr għal 40km/hr.

04.9.3 Il-Kunsillier Vella ġibed l-attenzjoni li kien hemm numru ta' *sleeping policemen* li ma kellhomx tabella ta' twissija qabel wieħed jasal għalihom jew inkella kienet 'il bogħod ħafna. Huwa għadda pjanta mmarkata bin-nuqqasijiet lis-SE biex jiġu rranġati. Is-SE ġiet mitluba tivverifika ma' TM jekk hemmx xi *sleeping policemen* li ġew installati mingħajr approvazzjoni ta' TM.

04.9.4 Kien hemm qbil li għandhom isiru tabelli ġodda sabiex jgħinu lil min mhux mil-lokalità sabiex joħroġ mill-Imtarfa.

## 04.10 Xogħlijiet minn Infrastructure Malta

04.10.1 Is-Sindku qal li bħalissa IM kienu għaddejjin bix-xogħlijiet fi Trejqet it-Tulipani u li fil-granet jew ġimgħat li ġejjin, kien se jsir ix-xogħol tal-asfalt fuq it-tliet toroq.

04.10.2 Sadanittant saret *update* tas-sitwazzjoni tat-toroq li l-Kunsill jista' jwassal lil IM bħala parti mill-pjan ta' ħidma tagħhom għal-lokalità tal-Imtarfa. Dawn kienu:

1) Triq l-Imtarfa sakemm issir l-esproprijazzjoni u rikostruzzjoni ta' Triq il-Konti Salv Manduca (diġà qegħda fuq il-lista)
2) Irranġar ta' żona bejn Triq Gregorio Carafa u Triq il-Ferrovija (diġà qegħda fuq il-lista)
3) Sleeping policemen madwar il-lokalità li huma fil-bżonn li jiġu rikostruwiti jew imneħħija
4) Triq Antonio Ellul – talba biex tiġi rranġata l-pjazzetta biex takkomoda aktar parkeġġi (diġà qegħda fuq il-lista)
5) Trejqet il-Ġiżimin u Triq il-Ġiżi – pavimentar ġdid ta' din iż-żona
6) Żona quddiem id-Depiro Sports School – passaġġ minn IM u ġnien minn Project Green

## 04.11 Mdina Grand Prix 2024

04.11.1 Is-Sindku informa li kienet saret il-laqgħa mal-i*stakeholders* kollha u kien ħareġ ċar li t-talbiet tal-Kunsill ma kinux se jiġu milqugħa. Barra minn dan, min-naħa tal-organizzaturi wkoll urew li dan ma kienx se jkun possibbli.

04.11.2 Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinforma lura li huwa qed joġġezzjona għal din l-attività. Fuq insistenza tal-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil li għandha ssir konferenza stampa mill-Kunsill u ssir stqarrija pubblika.

04.11.3 Wara diskussjoni kien hemm qbil li din il-konferenza stampa se tinżamm nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru fl-10:00am bejn Triq l-Istazzjon u l-Bypass tal-Imtarfa.

## 04.12 Punti Oħra

04.12.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fil-parkeġġ ta' faċċata tal-Kunsill Lokali, li jifforma parti minn Binja Qlejgħa, kien hemm parti li kienet qed tintlaqat mill-vetturi u hemm riskju li jaqa' xi ġebel għal isfel, fejn hemm il-garaxxijiet. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill, li dan il-parkeġġ huwa parti mill-istess binja u m'hemm xejn x'jindika li huwa pubbliku u responsabbiltà tal-Kunsill Lokali, tant li taħtu hemm numru ta' garaxxijiet li nxtraw jew qed jinkrew mill-HA u li għandhom diversi problemi strutturali.

04.12.2 Minħabba li sadanittant dan il-parkeġġ xorta qed jintuża mill-pubbliku in ġenerali, il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lill-amministratur biex titlob lis-sidien tal-ewwel żewġ garaxxijiet fejn saret il-ħsara biex jiffirmaw dikjarazzjoni li l-kunsill kien qed jaċċetta li jirranġa l-ġebel li qed jinqala' fuq l-ewwel żewġ garaxxijiet għalkemm mhu qed jieħu ebda responsabbiltà f'każ ta' ħsarat jew dħul ta' ilma, u li l-Kunsill mhux jaċċetta li dawn is-sidien ifittxu lill-Kunsill għal xi danni li jista' jkollhom fil-futur.

04.12.3 Hawnhekk is-SE ġiet mitluba biex tara li titmexxa l-istruttura tal-iskart ta' ħdejn Binja Buqana, fejn intalbet biex din titressaq viċin fejn hemm is-siġra. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li d-*drop off point* fejn qegħda bħalissa kienet qegħda f'punt fejn l-iscammel iwaqqaf fil-ġenb sabiex jagħmel il-ġabra filwaqt li l-iskart li jitpoġġa fuq il-bankina ma kienx qed joħloq ebda ostakolu jew periklu. Il-lokazzjoni l-ġdida hekk kif mitluba mill-Kunsill iżda kienet se twaddab lil min qed jimxi taħt il-bankina minħabba l-akkumulu ta' boroz tal-iskart u awtomatikament, l-iscammel kien se jkollu jwaqqaf temporanjament fuq id-*double yellow lines* f'żona fejn il-vetturi jgħaddu fiż-żewġ direzzjonijiet sabiex jgħabbi. Min-naħa tagħhom, il-Kunsilliera talbu lis-SE tmexxi hekk kif maqbul. Is-SE infurmat li hi kienet qed tiddikjara lilha nnifisha mhux responsabbli għal xi incident jew fatalità li jista' jkun hemm fil-futur a kawża ta' din id-deċiżjoni.

04.12.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm problema bid-dawl tat-toroq fl-aħħar parti ta' Triq Dar il-Kaptan u fuq naħa waħda ta' Triq il-Ferrovija. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella, kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel talba għal dan ix-xogħol lill-Korporazzjoni Enemalta. Kien hemm qbil li fit-talba tiddaħħal iż-żona kollha tal-Housing Estate minħabba li l-arbli u l-bozoz ma kinux IP rated.

04.12.3 Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar id-dawl ta' wara Triq Gregorio Carafa, is-Sindku qal li kien tkellem mal-eks Sindku u dan infurmah li l-aħħar li ġie infurmat dawn kellhom jiġu jagħmlu kommunikazzjonijiet ġodda.

04.12.4 Is-SE infurmat li min-naħa tar-Reġjun kienu se jorganizzaw numru ta' attivitajiet sportivi madwar il-lokalitajiet tat-Tramuntana u għaldaqstant ħeġġet lill-Kunsilliera sabiex jipparteċipaw u jwasslu l-kelma mar-residenti. Hija infurmat li għall-Imtarfa hemm maħsub *workshop* għat-tfal biex jitgħallmu aktar dwar kif isuqu r-rota u kif jieħdu ħsiebha. Hija ssuġġeriet li din l-attività ssir fil-ġnien ta' wara t-torri tal-ilma. Il-Kunsill qabel.

04.12.5 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li jsir poġġaman fi Triq Sir Leslie Rundle.

04.12.6 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li għandha ssir kommunikazzjoni ma' residenta biex issir *clean up* ħdejn il-*cart ruts*.

04.12.7 Is-SE infurmat li l-Kunsill preċedenti kien qabel li għandha ssir sejħa interna għal skrivan/a, b'mod speċjali sabiex tingħata l-opportunità lill-*Council Assistants* biex ikun hemm *progression*. Hija infurmat li kellha applikazzjoni waħda interna. Għaldaqstant talbet biex ikun hemm żewġ kunsilliera magħha fuq il-bord biex issir intervista. Kien hemm qbil li dawn ikunu s-Sindku u l-Kunsillier Vella.

04.12.8 Is-SE infurmat li min-naħa ta' Project Green kienu qed jitolbu li jsir qtugħ ta' xi siġar qabel ma jiġu jkomplu bil-proġett tal-bosk. Hija infurmat li l-*Environmental Manager* kien individwa 6 siġar tal-ewkaliptus, 3 minnhom li kienu qed iwaqqfu lis-siġar tal-prinjol milli jkomplu jikbru dritti (biswit il-grawnd) u 3 minnhom li bdew jisfaru u għaldaqstant bdew juru li huma morda. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandhom jinqatgħu biss dawk li huma mejta u li t-tlieta l-oħra għandu jsirilhom hard pruning biex jagħtu lok għall-prinjol biex jikber.

04.12.9 Hawnhekk skuża ruħu l-Kunsillier Vella. Il-ħin kien id-9:05pm.

04.12.10 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienu għadhom kif skadew it-tlett sigħat tal-laqgħa. Kien hemm qbil li l-laqgħa tkompli għal ftit tal-ħin ieħor sabiex tiġi eżawrita l-aġenda.

04.12.11 Is-SE infurmat li kienet se tiskadi l-*policy* tat-*travel insurance* u għaldaqstant kienet se tiġi estiża. Il-Kunsill qabel.

04.12.12 Kien hemm qbil li l-Laqgħa Pubblika għandha ssir eżatt qabel il-laqgħa li jmiss, u tibda fil-5:00pm.

04.12.13 Is-SE infurmat li min-naħa tad-Depiro kienu għaddewlha disinn ġdid tal-proġett ta' quddiemhom. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lil IM u lil Project Green biex jinbeda l-proċess ta' konsultazzjoni.

04.12.14 Kien hemm diskussjoni dwar id-dekorazzjonijiet tal-Milied. Kien hemm qbil li minħabba li għadu ma nstabx fornitur biex jibda jaħdem id-dekorazzjonijiet, is-SE għandha tmexxi bil-kiri tad-dekorazzjonijiet u sadanittant jiġu ordnati wkoll numru ta' dekorazzjonijiet biex jinxtraw u jsiru proprjetà tal-Kunsill Lokali.

## 04.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

04.16.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 04/2024), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 04.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

04.17.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 28 ta’ Ottubru 2024.

**IFFIRMATA**
Dale Hayman
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv